**7 ta' Ottubru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Roccu Buhagiar

*versus*

Jean Buhagiar mart l-istess Roccu Buhagiar

**Digriet – Nullità – Ġustizzja Naturali**

*Meta jiġi pprezentat rikors quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili għall-proroga ta' digriet mogħti minn dik il-qorti taħt l-artikolu 480 tal-Kap. 12, il-qorti, qabel ma tipprovdi dwar dak ir-rikors, għandha tordna li jiġi notifikat lill-parti l-oħra.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fis-27 ta' Frar 1990 u li tinsab appellata taqra hekk;

"Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Billi wara rikors tal-konvenuta kontra l-attur, l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili kienet estendiet l-effett tad-digriet

tagħha tal-14 ta' Ġunju 1988 li bih ġew mgħoddija alimenti kif kontemplati fil-fuq imsemmi digriet, u dan b'digriet t'Awissu 1988;

U billi dan l-istess digriet ġie ottenut mill-konvenuta mingħajr il-prevja notifika ta' l-attur u mingħajr l-opportunità li l-istess attur jirrispondi għall-istess rikors magħmul mill-konvenuta jew jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward;

U billi għalhekk l-istess digriet hu null u bla ebda effett legali billi ottenut kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u mingħajr ma ngħata opportunità għas-smiegħ lill-attur;

Talab li din il-qorti tiddeċidi u tiddikjara:

1. null u bla effett legali d-digriet fuq imsemmi mogħti mis-Skond'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Awissu 1988 fil-proċedura fl-ismijiet **Jean Buhagiar mart l-istess Roccu Buhagiar *versus* Roccu Buhagiar** u dan billi l-istess digriet ġiet ottenut bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali fil-konfront tal-attur u mingħajr il-prevja notifika u l-opportunità lill-attur li dan jinstema' fuq l-istess digriet;

2. tiġi kkundannata l-konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-preżenti ċitazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda tiegħu u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fejn eċċepiet illi t-talbiet tal-attur huma nfondati billi mhux minnu illi d-digriet tas-Sekond'Awla numru 928/88 ġie ottenut kontra l-prinċipji tal-

ġustizzja naturali u mingħajr ma ngħatat opportunità għas-smigħ lill-attur. Fil-fatt l-attur kien xehed quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili u l-qorti ordnat il-ħlas ta' manteniment wara li semgħet liż-żewġ partijiet; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat id-dokumenti eżebiti, u preċiżament il-kopji tad-digriet oriġinali u dak sussegwenti ta' estensjoni;

Rat l-atti l-oħra tal-proċess;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkundisdrat:

Illi din il-kawża tikkonċerna digriet tas-Sekond'Awla li kien ingħata fl-4 ta' Ġunju 1988 wara li l-konvenuta talbet li tkun awtorizzata tistitwixxi proċeduri kontra żewġha għas-separazzjoni u li żewġha jiġi ordnat iħallasha alimenti provviżorji *pendente lite;*

Illi dan id-digriet kien ingħata skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 480 tal-Kap. 12; mill-atti tal-proċess irriżulta li l-qorti semgħet liż-żewġ partijiet u anki sar qbil bejniethom dwar ċerti oġġetti;

Illi skond l-inċis (4) ta' l-istess Artikolu l-effett tad-digriet relativ jispiċċa jekk ir-rikorrent ma jipproċedix bl-azzjoni għas-separazzjoni fi żmien xahrejn;

Illi qabel ma għadda t-terminu effettiv tad-digriet, ir-rikorrenti talbet li t-terminu oriġinali jiġi estiż; din it-talba saret fit-8 ta' Awissu u b'digriet tat-23 ta' l-istess xahar il-qorti laqgħet it-talba "taħt l-istess kundizzjonijiet tad-digriet preċedenti"; jiġifieri l-effett tad-digriet oriġinali ġie mtawwal għal xahrejn oħra;

Il-lanjanza ta' l-attur hi bbażata fuq il-fatt li l-qorti ma nnotifikatux b'dan it-tieni rikors u konsegwentement ma tatux l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar il-materja; hu *jikkontendi li għalhekk id-digriet ta' estensjoni ġie* ottenut bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali fil-konfronti tiegħu;

Illi huwa paċifiku li l-Qrati għandhom jisimgħu liż-żewġ naħat qabel jaslu għal deċiżjoni; mhux jisimgħuhom għall-formalità imma biex il-ġudikant ikollu quddiemu l-fatti relevanti kollha. F'dan l-isfond għandu jiġi eżaminat id-digriet ta' estensjoni. Il-qorti hi tal-fehma li jekk il-qorti tkun sodisfatta li hi għandha konjizzjoni tal-fatti kollha rilevanti b'mod li tista' tasal għal deċiżjoni, allura ma hemm ebda obbligu li ssir notifika lill-kontroparti;

Illi mhux kull deċiżjoni tal-Qrati trid tittieħed neċessarjament wara li l-kontroparti tkun ġiet nofitikata jew mismugħa; kollox jiddependi f'każi simili min-natura u miċ-ċirkustanzi tal-każ. Hekk insibu li l-qorti toħroġ mandat ta' *impediment tas-safar kontra persuna, u bosta mandati oħra*, mingħajr ma tisma' liż-żewġ naħat; *inoltre* l-każ jirrigwarda digriet ta' estensjoni li ngħata in forza tal-artikolu 480(4) li jixbaħ ħafna lil dak li nsibu fl-artikolu 850(1): "*Unless the Court upon the application of the party suing out the order shall grant an*

*extension.*" Huma ħafna l-każi fejn il-qorti tista' tasal biex tagħti digriet bla ma tisma' lill-kontroparti, u dan mingħajr ma tkun qegħda tikser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali f'każi simili. Jekk tordnax in-notifika u jekk tismax lill-parti l-oħra jiddependi mid-diskrezzjoni tal-qorti li trid tkun persważa li l-parti l-oħra ma tkunx tista' tissottometti xi ħaġa li tinfluwenza d-deċiżjoni tagħha;

Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur;"

Rat *a fol.* 20 in-nota ta' l-appell ta' l-attur li biha interpona appell mis-sentenza imsemmija ta' l-ewwel Onorabbili Qorti u *a fol.* 22 il-petizzjoni tal-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-qorti jogħġobha tirrevoka is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tiegħu kif dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata;

Rat *a fol.* 29 ir-risposta tal-konvenuta Jean Buhagiar għall-appell ta' żewġha l-attur li biha għar-raġunijiet fiha msemmija issottomettiet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u għalhekk l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Għal kull bwon fini jiġi qabel xejn osservat li din il-qorti ħadet ħsieb li, *fil-mori tas-smiegħ* ta' dan l-appell u ndipendentement mill-mertu tiegħu, tara li l-konvenuta ma tkunx privata minn retta alimentari li effettivament ġiet imbagħad stabbilita mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qabel ma dan l-appell ġie differit għas-sentenza;

Kwantu għall-mertu tal-kwistjoni devoluta lilha, *din il-qorti* tibda biex tgħid li ma taqbilx li l-parametri tal-kwistjoni huma limitati daqs kemm għamlithom l-ewwel onorabbli qorti. Infatti involuti fil-kwistjoni hemm prinċipji t'importanza fundamentali li fiċ-ċirkustanzi huma determinanti;

Biex tispjega ruħha aħjar, din il-qorti tosserva li llum digriet *li fih jiġi ordnat* il-ħlas ta' manteniment *pendente lite* huwa mhux biss esegwibbli *in sede* ċivili iżda anke *in sede penali*. Isegwi għalhekk li l-osservanza tal-garanziji ta' smigħ xieraq f'każijiet bħal dawn hija tassattiva;

Fil-każ preżenti fit-termini tal-inċiż (4) ta' l-artikolu 480 tal-Kodiċi Ċivili l-effetti tad-digriet tas-Sekond'Awla ta' l-14 *ta'* Ġunju 1988 kienu jispiċċaw wara xahrejn jekk ir-rikorrenti ma kinitx tkun mexxiet bil-proċeduri tas-separazzjoni. Ġara *li f'dan* il-perijodu mart l-attur, flok mexxiet, ġimgħa qabel ma skadielha *t-terminu talbet proroga taż-żmien biex tkun tista' tmexxi*, u wara li kienu skadew xahrejn, meta allura l-effetti tad-digriet imsemmi kienu suppost spiċċaw, l-istess qorti pprorogat id-digriet preċedenti taħt l-istess kundizzjonijiet bla ma ġie notifikat l-attur intimat li wkoll ma ġiex infurmat bil-proroga;

Dan fil-fehma ta' din il-qorti kien irregolari speċjalment meta il-ġurnata li fih ġiet dekretata l-proroga kienu diġà għaddew

ix-xahrejn żmien stipulati fil-liġi, kif ukoll billi ipprivah mid-dritt li jinstema';

Fl-aħħarnett jiġi osservat li għalkemm fiċ-ċitazzjoni, fit-talba, jissemma d-digriet tat-8 t'Awissu 1988, huwa ovvju li huwa għad-digriet tat-23 t'Awissu 1988 li l-attur kien qed jirreferi u huwa għal dan id-digriet li din is-sentenza hija indirizzata;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet attriċi billi tiddikjara d-digriet numru 928/88 mogħti mis-Sekond'Awla bħala null u bla effett. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi fiċ-ċirkustanzi jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.